MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 51/1997/1

Kawza fil-lista: 18

**Bank of Valletta Limited**
**Vs**
**Benny's Catering Limited u b'digriet ta' l-10 ta' Marzu 1998 l-kelma 'Limited' giet sostitwita bl-ittri 'p.l.c.', u Benjamin u Maria mizzewgin Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta Limited ikkoncediet "Overdraft Facilities" lill-konvenuta socjeta' kummercjali "Benny's Catering Limited" bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'sitt kuntratti ppublikati, tlieta minnhom minn Nutar Dottor Francis Micallef datati 28 ta'

Ottubru 1970, 23 ta' Dicembru 1970 u 20 ta' Gunju 1973, tnejn ohra ppublikati minn Nutar Dottor Joseph Spiteri datati 9 ta' Ottubru 1971 u 15 ta' Lulju 1972, u iehor datat 21 ta' Mejju 1985 ippublikat minn Nutar Dottor Tonio Spiteri li qed jigu hawn ezibiti bhala Dok "A", Dok "B", Dok "C", Dok "D", Dok "E" u Dok "F" rispettivament;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' kummercjali "Benny's Catering Limited" fl-ammont ta' disgha u hamsin elf, sitt mija u erbgha u sittin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm59,664.40) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' "Benny's Catering Limited" mal-Bank of Valletta Limited (Dok "G") salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Premess illi b'zewg skritturi privati datati 15 ta' Novembru 1978 u 4 ta' Gunju 1987 li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "H" u Dok "I", il-konvenut Benjamin Muscat iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' kummercjali "Benny's Catering Limited" ghaf-favur tal-Bank of Valletta Limited id-debiti tal-istess socjeta' kummercjali "Benny's Catering Limited" mal-Bank of Valletta Limited;

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 28 ta' Gunju 1996 hawn esibiti u mmarkata Dok "J" u Dok "K" rispettivament sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti,
Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1. Tikkundanna lil istess konvenuti flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u hamsin elf, sitt mija u erbgha u sittin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm59,664.40) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Benny's Catering Limited mal-Bank of Valletta Limited (Dok "G") salv l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1996 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 28 ta' Gunju 1996 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi l-kawza odjerna hija intempestiva u vessatorja stante illi l-partijiet kienu u ghadhom fit-trattattivi biex jirrisolvu l-kwistjoni oggett ta’ din il-kawza amikevolment.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-somma illi allegatament qed tigi rikjesta mis-socjeta’ attrici hija kontestata mill-konvenuti, u dana kif jirrizulta mid-diversi komunikazzjonijiet bejn il-partijiet.

3. Illi sallum is-socjeta’ attrici qeghda tikkalkola l-imghax fuq bazi komposta u dana in vjolazzjoni tal-Artikolu 986 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit komputista Albert Vella minnu debitament mahlufa;

Rat in-nota li biha s-socjeta’ attrici rriduciet l-ammont pretiz ghas-somma ta’ Lm49,031.46 flimkien mal-imghax mill-1 ta’ Ottubru 2000;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna s-socjeta’ attrici qeda titlob il-kundanna tal-konvenuti in solidum bejniethom ghall-hlas tas-somma ta’ Lm59,664 rapprezentanti bilanc ta’ debitu fl-overdraft account [kont kurrenti] tas-socjeta’ kummercjali Benny’s Catering Limited mal-Bank of Valletta, flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ April 1996 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

[1] Fol.192

Il-konvenuti minn naha taghhom qed jirrezistu din il-pretensjoni attrici bi tlett eccezzjonijiet:
[1] li l-azzjoni hija intempestiva u vessatorja stante li saret fiz-zmien meta kienu ghadhom ghaddejjin it-trattattivi bejn il-partijiet;
[2] li s-somma pretiza mill-attrici ilha zmien tigi kontestata minn naha tal-konvenuti;
[3] li qed jigu komputati imghaxijiet komposti in vjolazzjoni ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 986 tal-Kap.16

Illi jirrizulta pacifiku li permezz tal-kuntratti indikati fic-citazzjoni u li jirrisalu ghad-data tat-28 ta' Ottubru 1970, is-socjeta' attrici kienet ikkoncediet lis-socjeta' konvenuta overdraft facilities sal-massimu indikat fl-istess kuntratt; u li in forza ta' zewg skritturi privati, wkoll indikati fl-istess citazzjoni, il-konvenut Benjamin Muscat iggarantixxa in solidum flimkien mas-socjeta' konvenuta d-debiti ta' l-istess socjeta' konvenuta.[2]

Illi l-kontestazzjoni f' din il-kawza timpernja, mhux dwar l-ezistenza ta' debitu bilancjali da parti tas-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' attrici, izda dwar il-quantum ta' dan id-debitu. Din il-kontestazzjoni issib il-bazi taghha fil-komputazzjoni ta' imghaxijiet komposti relattiv ghall-kont kurrent in disamina; u ssib ir-rizoluzzjoni taghha fid-determinazzjoni tad-data tal-kjuzura ta' l-istess kont li twassal ghal tibdil fir-relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet u tohloq rapport ta' mutwu li per lege jeskludi l-komputazzjoni ta' imghaxijiet komposti.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li, filwaqt li fil-kaz ta' kont kurrent huwa permess, a bazi ta l-uzu kummerjcali, li l-imghaxijiet jigu kapitalizzati ghal aktar minn darba fis-sena u ghalhekk hija permessibbli l-komputazzjoni ta' imghaxijiet komposti, fil-kaz ta' mutwu dan mhux permess, u l-posizzjoni hija regolata bl-Artikoli 986, 1142 u 1850 tal-Kap.16. Ghalhekk fid-data tal-kjuzura tal-kont kurrent, is-somma oggett tal-obbligazzjoni tigi kristalizzata u tikwalifika bhala wahda determinata u

[2] Kuntratti u skritturi uniti mal-att tac-citazzjoni

ghalhekk ma jistax jintalab imghax fuq l-imghax jekk mhux kif kontemplat bl-Artikolu 1142. Dan l-istat ta' fatt isib rifless fuq livell guridiku fis-sens li l-ezistenza tal-ftehim kontrattwali li wassal ghall-ftuh tal-kont kurrent, spiccat u giet sostitwita b' wiehed ta' mutwu li hu dixxiplinat minn normi differenti.

Kif osservat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Bank of Valletta vs Anna's Trading Company Limited[3] "Il-bazi legali kollha pero' li twassal ghall-konkluzjoni fuq imsemmija [il-permissibilita' ta' l-imghaxijiet komposti] hija l-ezistenza ta' ftehim ta' kont kurrent. Terminat dan il-ftehim, tkun xi tkun ir-raguni, allura r-regoli annuncjati ma jsibux aktar l-applikazzjoni taghhom … omissis ….. fil-mument li jigi ppruvat li l-kont kurrent ma jkunx ghadu fil-kors normali tieghu, minn dak il-mument m' ghandhomx jghaddu aktar imghaxijiet koposti, izda biss dawk semplici ghax il-ftehim kontrattwali bejn il-partijiet ikun gie mibdul f' tip ta' ftehim iehor."

Mill-premess tirrizulta manifesta ghar-rizoluzzjoni ta' dan il-kaz, il-htiega li jigi stabbilit [1] jekk il-kont kurrent ghadux fis-sehh; u f' kaz negattiv, [2] id-data meta gie terminat. Fil-kaz in disamina, ma hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-kont kurrent giet terminat, u l-kontestazzjoni timpernja esklusivament dwar it-tieni kwezit u cioe' id-data meta gie terminat; ghax, filwaqt li s-socjeta' attrici ssostni li dan gie terminat fis-6 ta' Dicembru 1988 in forza ta' ittra registrata mibghuta minnha lis-socjeta' konvenuta, in-naha konvenuta ssostni li l-kont kurrent gie effettivament terminat fis-sena 1984 meta skond hi l-Bank ikklassifika l-kont bhala reducing only.

In propositu, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-imsemmija kawza insejnat hekk: " Din it-terminazzjoni tista' tkun ukoll wahda unilaterali maghmula mill-kreditur, il-Bank attur fil-kaz prezenti, fejn dan juza u jsejjah lid-debitur biex ihallas il-bilanc dovut [call in] jew javza lid-debitur li l-kont kurrent m' ghadux jopera u li, per ezempju, il-kont jista' jintuza biss ghad-dispositi pero' mhux ghall-hrug ta'

[3] Deciza 06.12.2002

ammonti……omissis…. Effettivament il-mument meta jkun spicca jopera l-kont kurrent jista' jkun differenti minn kaz ghall-iehor u huwa, ovvjament kwistjoni ta' prova..”[4]

Ferm il-premess, il-Qorti ser tghaddi ghall-ezami fattwali ta' dan l-aspett tal-kawza. Qabel xejn ghandu jigi osservat li mill-kuntratti tal-facilitajiet bankarji koncessi lis-socjeta' konvenuta jirrizulta li, is-socjeta' attrici zammet id-dritt li “the Bank shall be entitled at any time to call upon the debtor to settle his indebtedness to the bank and to pay the balance due to his account on simple request, in writing …”[5]

B' applikazzjoni ta' din il-klawsola kuntrattwali, is-socjeta' attrici b' ittra registrata datata <u>6 ta' Dicembru 1988</u> indirizzata lis-socjeta' konvenuta, tat li din “formal notice that you are required to pay forthwith to the Bank at this Branch the sum of Lm61,493.105 … plus accrued interest and charges from September of this year in respect of your indebtedness.”[6]

Illi s-socjeta' attrici, konfortata wkoll mir-rizultanzi tar-rapport tekniku, issostni li in forza ta' din l-ittra gie terminat il-kont kurrent in disamina u ghalhekk il-projibizzjoni ta' komputazzjoni ta' imghaxijiet komposti skattat biss mill-imsemmija data – 6 ta' Dicembru 1988. Inoltre, saret referenza ghall-ittra datata 24 ta' April 2001 mibghuta, fil-mori tal-proceduri odjerni, lis-socjeta' attrici mill-allura Avukat tas-socjeta' konvenuta fejn din, *inter alia*, qalet li “Our client still morally feels that the call-in date preceded the date indicated by the Bank, however he has agreed that the take-off date be indicated by yourselves being 6th December 1988 and that the amount as the said date being Lm61,493.11.”[7] Kemm il-perit gudizzjarju kif ukoll l-atturi jsostnu li, gja la darba s-socjeta' konvenuta accettat *in iscriptum* l-imsemmija data bhala l-call-in date, allura ghandhu jirrizulta car li dan l-element ta' prova huwa

---

[4] Il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza kopjuza citata fin-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.
[5] Fols.27 u ohrajn
[6] Fol.213
[7] Fol.289

ampjament sodisfatt, u li l-Qorti ghandha tiehu din id-data bhala d-data tat-terminazzjoni tal-kont kurrent.

Illi s-socjeta' konvenuta minn taghha topponi ghal dawn il-konkluzjonijiet bis-segwenti sottomissjonijiet: [1] illi d-diskors fuq indikat ghandhu jinqara u jigi valutat fil-kuntest tal-ittra kollha, anke ta' korrispondenza sussegwenti; [2] inoltre, il-konvenut jsostni li mis-sena 1984 il-kont kien reducing only. Fl-affidavit tieghu jghid: "Ic-cheques li hrigt ma gewx onorati kollha. Il-Bank dejjem impenjani li l-kont jibqa' [minn dik is-sena] dejjem reducing only"[8] Fid-deposizzjoni tieghu jghid: "Jien gejt imgieghel mill-Bank li nieqaf nopera il-kont f' xi zmien 1984. Minn dak iz-zmien l-hawn il-kont tieghu baqa' dejjem reducing only. Il-Bank ghazel li jibghatlu l-ittra tal-call in xi snin wara meta effettivament il-call in ghamilha l-bank f' Jannar 1984."[9]

In propositu l-Qorti tosserva li gja la darba jirrizulta pacifiku li l-call in saret permezz ta' l-ittra fuq citata datata 6 ta' Dicembru 1988, u gja la darba ghandhu jirrizulta car l-import legali ta' din l-ittra li tikkostitwixxi element ta' prova certa u tangibbli dwar il-kjuzura tal-kont kurrent, l-oneru li jinnewtralizza l-effetti legali ta' din l-ittra jirrisjedi fuq il-konvenuti li jispetta lilhom li pprovaw b' mod sodisfacenti li l-kjuzura tal-kont effettivament sehhet f' Jannar 1984 u mhux fis-sena 1988.

In propositu, il-Qorti tosserva li - apparti mill-kontenut ta' l-ittra precitata tal-24 ta' April 2001 li mill-provi jirrizulta car li kienet ntbaghtet bl-iskop li tigi esplorata transazzjoni bonarja bejn il-partijiet - il-bazi tal-verzjoni konvenuta f' dan ir-rigward hija li hija kienet giet imgieghla mill-bank li tieqaf jopera dan il-kont li ghalhekk kellu jibqa' jezisti biss reducing only, u cioe' jsiru biss depositi. Izda l-provi dokumentarji fil-forma ta' bank statements, u li ma gewx skossati bl-ebda prova, juru l-kuntrarju. Di fatti kif jirrizulta mill-bank statements a fols.99 sa 104 dan il-kont kien ghadu jithaddem u kienu saru diversi withdrawals sa Mejju 1988. Inoltre, l-allegazzjoni tal-konvenut li mhux ic-

[8] Fol.87
[9] Fol.248

cheques kollha li nhargu kienu gew onorati, ma ssibx riskontru fil-provi.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeda tikkondividi l-konkluzjoni ta' l-perit komputista u taccetta d-data tas-6 ta' Dicembru 1988 bhala d-data tal-kjuzura tal-kont, mhux in bazi tal-kontenut tal-imsemmija ittra [fax] tal-24 ta' April 2001, imma in bazi ghall-konsiderazzjoni li, filwaqt li l-attrici gabet prova pacifika u tangibbli u sodisfacenti, il-versjoni konvenuta mhijex sostnuta mill-provi, anzi tinsab kontradetta kif fuq spjegat.

Illi vertenza ohra li inqalet fil-mori tal-kawza, u li taffettwa l-ammont tad-debitu bilancjali sad-data indikata f' dan il-gudizzju, tirrigwarda s-somma ta' Lm500 indikata fil-records tal-Bank bhala "Advance" [withdrawal] filwaqt li konvenuti jsostnu li dina kienet fil-fatt tirrapprezenta depositu effetwat fil-kont dak in-nhar is-19 ta' Settembru 1995. In propositu il-perit komputista kkonkluda li din l-entratura ghandha jittiehed skond kif indikata fil-bank statements. Huwa bbaza din il-konkluzjoni fuq zewg konsiderazzjonijiet ta' fatt: [1] illi l-konvenuti ma gabux provi in sostenn tal-fatt minnhom allegat; u [2] illi mill-verifiki li ghamel Raymond Aquilina, ufficjal tal-Bank attur, jirrizulta li fuq l-istatements originali dan l-ammont huwa indikat bhala withdrawal.

F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li l-istatements tal-bank ghandhom certu grad ta' valur probatorju meta dawna ma jkunux gew kontestati fiz-zmien opportun, izda xorta wahda tibqa' valida l-konsiderazzjoni li din l-prova tista' tigi newtralizzata b' cirkostanzi li juru l-kuntrarju. Fil-kaz odjern, il-Qorti tirrileva li, ghalkemm huwa minnu li s-socjeta' konvenuta ma kienitx fil-pozizzjoni li tipprezenta prova dokumentarja in sostenn tat-tesi taghha, izda c-cirkostanzi jimmilitaw favur taghha u kontra t-tesi attrici. Kif tajjeb issottometta d-difensur tal-konvenuti, huwa ferm improbabbli li s-socjeta' attrici, <u>wara li kienet itterminat il-kont kurrent u ghal diversi snin</u>, kif jirrizulta mill-istess bank statements, ma' sarux withdrawals "in bel di' jhalli lill-konvenuti jaffettwaw withdrawal ta' Lm500" meta s-socjeta'

konvenuta kellha debitu bilancjali daqshekk ingenti. Din il-Qorti taqbel mal-konvenuti li t-tesi attrici f' dan ir-rigward tfalli fuq il-bazi tal-inverosimiljanza, u tikkonsidera, li l-entry in kwistjoni giet indikata hazin minn naha tas-socjeta' attrici; *multo magis* in mankanza ta' l-ghoti ta' dettalji mill-Bank attur dwar din l-entratura kontestata.

Ghaldaqstant is-somma ta' Lm500 indikata bhala Advance[10] maghmul fis-19 ta' Settembru 1995 ghandha tigi konsidrata bhala Deposit, u ghalhekk ghandu jsir id-debitu aggustament fl-ammont bilancjali indikat mill-perit komputista, biex jirrifletti tnaqqis ta' dan l-ammont flimkien mal-imghax relattiv mis-somma bilancjali, u tnaqqis ulterjuri biex jirrifletti l-kwalita' tieghu ta' depozitu.

Illi fir-relazzjoni tieghu l-perit komputista wasal ghall-konkluzjoni li l-bilanc finali dovut mis-socjeta' konvenuta sal-5 ta' Gunju 2002 jammonta ghas-somma komplessiva ta' Lm49,153.99 rapprezentanti Lm43,165.25 kapital u Lm5,988.74 imghax dovut sa din id-data, skond kif jidher mill-prospett Dok.AEV1 sa 22[11];u dan wara li ppremetta[12], *inter alia*, li mis-6 ta' Dicembru 1988 l-interessi huma mahduma bir-rata ta' 8% fuq komputazzjoni ta' simple interest, u li kien hemm zball fil-kalkoli ta' interessi mahduma mis-socjeta' attrici kif spjegat aktar dettaljatament fir-relazzjoni tieghu. L-espert zied jghid li l-ammont ma jaqbilx mal-kalkoli tal-Bank of Valletta Ltd. b' differenza ta' Lm5,732.33 favur is-socjeta' konvenuta. Din id-diskrepanzi li timmilita favur il-konvenuti ghandha tigi riflessa fil-kap ta' l-ispejjez.

Illi, salv ghall-entry ta' Lm500 datata 19 ta' Settembru 1995[13] il-Qorti ma ssib ebda raguni skond il-ligi sabiex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-perit gudizzjarju, u ghalhekk qed taddatthom fil-limitu kif fuq spjegat. Ghaldaqstant l-ammonti dovuti mis-socjeta' attrici sal-5 ta' Gunju 2002 huma s-segwenti: Lm42,165.25

[10] Fol.303
[11] Fols.216 - 237
[12] Fol.210
[13] Dok.AEV 13 – fol.228

rapprezentanti Lm43,165.25 nieqes Lm1,000[14] u l-ammont ta' Lm5,452.74 rapprezentanti Lm5,988.74 nieqes Lm536 l-imghax ta' 8% fuq Lm1,000 mis-19 ta' Settembru 1995 sal-5 ta' Gunju 2002. B' hekk l-ammont globali [kapital u imghax] dovut sa din id-data mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici huwa ta' Lm47,618.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti hija valida parzjalment sal-limitu ta' Lm5,732.33 oltre l-entry ta' Lm500, filwaqt li t-tielet eccezzjoni tirrizulta nfondata stante li rrizulta mis-6 ta' Dicembru 1988 il-kalkolu tal-Bank kien fuq imghax semplici.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa fil-parti l-kbira korrett, u nonostante li ghaddew tmien snin mill-call in date, il-konvenut xorta wahda ma hallasx dak li ma kienx kontestat u fil-frattemp "il-konvenuti baqghu jzommu f' idejhom is-somma dovuta lil bank u jahdmu b' dawn il-flus dejjem bil-premessa li huma qed jistennew aktar kjarifiki mill-Bank."[15] Il-Qorti hi tal-fehma li c-cirkostanzi jissufrgaw din it-tezi attrici. Inoltre, jigi osservat li l-fatt *ut sic* li kienet ghaddejja korrispondenza bejn il-partijiet ma kienitx timpedixxi lill-Bank attur milli, wara tmien snin ta' skambjar ta' korrispondenza, finalment jiddecidi li jistitwixxi proceduri gudizzjarji sabiex jigbor il-flus dovuti lilu. It-trapass ta' dan iz-zmien kollu qabel ma' s-socjeta' attrici inizjat il-proceduri odjerni jimmilita kontra t-tezi ta' intempestivita' *multo magis* ta' vessatorjieta'. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija nsostenibbli.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjoni filwaqt li tilqa' parzjalment it-tieni eccezzjoni, taddotta r-rapport tal-perit komputista fil-parametri kif fuq indikat, u tilqa' t-talba attrici limitatament billi: tiddikjara li l-ammonti bilancjali dovuti sal-5 ta' Gunju 2002 huma ta' Lm42,165.25 [kapital]; u is-somma ulterjuri ta' Lm5,452.74 imghax sa din id-data; u tikkundanna lill-

[14] L-entry indikata bhala Advance ta' Lm500, u d-deposit ta' Lm500 li naqas li jigi registrat
[15] Nota osservazzjonijiet attrici – fol.382

konvenuti in solidum bejniethom ihallsu l-ammont komplessiv ta’ seba u erbghin elf , sitt mija u tmintax-il lira Maltin [Lm47,618] flimkien mal-imghax legali mill-5 ta’ Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tmien parti minn disa’ [8/9] mill-konvenuti, filwaqt li r-rimanenti parti minn disa’ [1/9] tibqa’ a kariku tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------